Kunsill Lokali Ħal Balzan
7/9, Triq Dun Spir Sammut,
Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 46

Data tal-laqgħa: 15 ta` Marzu 2018

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta` filgħaxija.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Andre` Grech – Viċi Sindku
Daniel Muscat – Kunsillier
Desmond Zammit Marmara` – Kunsillier
Joe Galea – Kunsillier

### ASSENTI b`APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b`apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku in-Nut. Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 46.1 Qari tal-ittri ta` apoloġiji

46.1.1 Ma kienx hemm ittri ta` apoloġiji.

## 46.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 45

46.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-Ħamsa u Erbgħin Laqgħa. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

46.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-minuti kienu approvati unanimament.

Is-SE talbet li tinbidel l-ordni tax-xogħol biex tiġi diskussa *item* 46.8 tal-Agenda peress li kien hemm preżenti il-Kap ta` Dar Merħba Bik u s-Sur Joe Gerada, Chairperson tal-Kummissjoni kontra l-Vjolenza Domestika. Il-Kunsill qabel unanimament u għadda biex jiddiskuti *item* 46.8.

## 46.8 Kontenituri tal-*Bring-in-Site* f`Wesgħa Profs. Guze Aquilina

46.8.1 Is-Sindku talab lill-Elaine Pavia, Kap ta` Dar Merħba Bik u s-Sur Joe Gerada, *Chairperson* tal-Kummissjoni kontra l-Vjolenza Domestika sabiex jagħtu spjegazzjoni dwar it-talba tagħhom biex jiġu rilokati l-kontenituri tal-*Bring-in-Site*.

46.8.2 Is-Sur Gerada beda billi rringrazzja lill-Kunsill talli laqgħa t-talba tagħhom biex tiġi diskussa din it-talba. Kompla billi ta spjegazzjoni tas-sitwazzjoni tagħhom, fejn qal li din taffettwa s-sigurta` tar-residenti li jabitaw ġewwa Dar Merħba Bik, li hija istituzzjoni li tipprovdi kenn sigur għal nisa li jesperjenzaw vjolenza domestika u għat-tfal tagħhom.

46.8.3 Elaine Pavia qalet li din it-talba qed issir wara li persuna ppruvat taqbeż minn fuq il-kontenituri għal mal-ħajt tal-binja ta` Dar Merħba Bik. Hi qalet li bħala entita` jieħdu l-prekawzjoni meħtieġa u jimplimentaw diversi miżuri ta` sigurta` madwar il-binja biex jevitaw każi bħal dawn. Huma qed jitolbu biex jiġu rilokati bħala prekawzjoni.

46.8.4 Il-Kunsillier Daniel Muscat issuġġerixxa li l-kontenituri jinħarġu l`barra mas-sinjali tal-*parking bays,* b`hekk jkun hemm aktar distanza minn mal-ħajt. Ġie ssuġġerit li l-bankina ta` wara l-kontenituri titwessa b`tali mod li l-kontenituri jaslu sa mal-bankina.

46.8.5 Dan is-suġġeriment intlaqgħa tajjeb kemm mis-Sur Gerada, kif ukoll minn Elaine Pavia għax b`dan il-mod ikun ferm aktar diffiċli li persuna taqbeż minn fuq il-kontenituri għal mal-ħajt.

46.8.6 Il-Kunsill unanimament approva li titwessa l-bankina. Dan ix-xogħol se jsir mill-ħaddiema tal-Kunsill.

## 46.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

46.3.1.1 <u>Talba għal *Bus Shelters* ġodda</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li t-talba biex jiġu nstallati 2 *bus shelters* fuq il-bankina fi Triq Birbal faċċata ta` Żmerċ Pub u fil-Wied ta` Ħal Balzan k/m Triq it-Tliet Knejjes ġiet approvata mill-kumpanija Faces Displays Ltd. Il-Kunsill l-ewwel irid japplika mal-Planning Authority għall-permess DNO u kif joħroġ il-permess jiġu nstallati l-*bus shelters* mill-kumpanija.

46.3.1.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali kellhom jitterminaw il-kuntratt minn mal-kumpanija Faces Displays Ltd, għalhekk staqsiet lill-Assoċjazzjoni jekk il-Kunsill jistax jipproċedi bl-

applikazzjoni.

46.3.1.3 Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill kwotazzjoni tal-Perit Josef Zahra. Ir-rata tiegħu hi ta` €250 għal kull applikazzjoni DNO. Din ir-rata teskludi l-VAT u t-tariffi tal-Planning Authority. Din il-kwotazzjoni ġiet approvata mill-Kunsill.

46.3.1.4 Kien hemm qbil li sakemm nistennew risposta mingħand l-Assoċjazzjoni, il-Perit jibda jipprepara d-dokumenti neċessarji u l-applikazzjoni tiġi sottomessa kif ikollna risposta mingħand l-Assoċjazzjoni.

46.3.2.1 <u>*Main* tal-ilma fi Triq Idmejda</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li kienet irċeviet l-istima mingħand il-WSC. Id-differenza li kieku l-bankina kellha ssir bil-*paving* blocks minn flok konkos ġiet stmata li tammonta għas-somma ta` €10,899.64. Il-Kunsill unanimament qabel li jħallas id-differenza biex il-bankina ssir bil- *paving* blocks biex titkompla bl-istess stil tal-pjazza.

46.3.2.2 Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-ammont stmat jaqbeż il-limitu stabbilit fil-liġi li l-Kunsill jista` jħallas b`*Direct Order*, għalhekk ser titlob għall-approvazzjoni tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

46.3.3.1 <u>Ħsarat fil-pavimentar tal-pjazza</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-Perit Marvienne Camilleri, kif ukoll is-Sur Paul Cini (MTI) qed jgħidu li l-ħsarat li hemm fil-pavimentar tal-pjazza m`humiex relatati max-xogħlijiet li għamlu huma. Is-SE qalet ukoll li kienet talbithom *condition report* pero` fir-risposta tagħhom ma semmew xejn fuqhu.

46.3.3.2 Se jiġi ċċekjat jekk ix-xogħlijiet tal-pjazza (proġett tal-ERDF) għadhomx taħt garanzija.

## 46.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

46.4.1 <u>Proġett ta` *embellishment* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li dwar il-proġett ta` e*mbellishment* fi Triq il-Ferrovija l-Qadima fejn is-siġra tal-fikus, se jinġiebu kwotazzjonijiet għax-xogħlijiet.

46.4.2.1 <u>Ilmenti dwar il-ġbir tal-boroż tal-iskart</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li rċieva ammont ta` ilment li boroż tal-iskart mhux qed jinġabru minn diversi toroq fil-lokalita`. Is-SE qalet li l-uffiċċju f`dawn l-aħħar ġranet irċievew ammont kbir ta` ilmenti, fejn il-kuntrattur ġie mgħarraf b`dan permezz ta` diversi *emails* li ġew mibgħuta lilhu. Is-SE qalet ukoll li nħarġet *Default Notice* lill-kollettur tal-iskart domestiku peress li baqgħu jidħlu ilmenti mill-istess toroq.

46.4.3.1 <u>Talba għall-permess biex jitqiegħdu mwejjed u siġġijiet</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li sid il-*coffee shop* li ser jiftaħ maġenb l-HSBC fil-pjazza qed jitlob il-permess tal-Kunsill sabiex iqiegħed erba` (4) mwejjed bis-siġġijiet kif ukoll xi qsari fuq il-bankina quddiem il-ħanut. Is-sid diġa` għandhu l-approvazzjoni tal-Malta Tourism Authority u tal-HSBC peress li dawn ser jiġu quddiem il-bank.

46.4.3.2 Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jrid iħalli aċċess għall-*pedestrians*, apparti minn hekk is-sid irid iġib il-permessi kollha neċessarji mill-awtoritajiet biex jitqiegħdu l-imwejjed u s-siġġijiet.

## 46.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

46.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet tal-Kunsilliera.

## 46.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta` Rapporti

46.6.1.1 Rapport Annwali Amministrattiv 2017

Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2017 (anness). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

46.6.1.2 Il-Kunsill approva dan ir-rapport hekk kif irranġat unanimament.

46.6.2.1 Rapport dwar l-attivita` *Balzan Arts and Music Festival 2017*

Is-SE qiegħdet fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport dwar l-attivita` *Balzan Arts and Music Festival* 2017 li jinkludi rendikont tad-dħul u l-ħruġ kollu mill-attivita`, iċċertifikat mill-*accountant* tal-Kunsill. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

46.6.2.2 Il-Kunsill unanimament approva dan ir-rapport. Is-SE ser tibgħat id-dokumenti kollha relatati flimkien ma` dikjarazzjoni ffirmata mis-Sindku u mis-SE li l-Kunsill ħallas l-ammonti kollha dovuti lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Dan sabiex jiġu rifużi l-ispejjeż.

## 46.7 Laqgħa mal-Onor. Chris Agius, Segretarju Parlamentari għall-ippjanar u s-suq fil-beraħ

46.7.1 Is-Sindku tkellem dwar il-laqgħa li kellu mal-Onor. Chris Agius nhar il-Ħamis, 15 ta` Frar 2018. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll il-Kunsillier Joe Galea u s-SE.

46.7.2 F`din il-laqgħa ġiet diskussa l-problema tal-għalqa ta` Wesgħa Profs. Guze Aquilina u l-proposta tal-Kunsill biex l-għalqa tinbidel f`parkeġġ kkontrollat.

46.7.3 L-Onor. Chris Agius se jkellem lill-Onor. Silvio Parnis dwar din il-laqgħa, bil-possibilta` li ssir laqgħa bejn it-tliet partijiet biex tiġi diskussa din it-talba fid-dettall.

## 46.9 Ilmenti u *Items* oħra ta` xogħol ieħor tal-Kunsill

46.9.1 Kwotazzjonijiet għax-xiri ta` *printer*

Is-SE infurmat lill-Kunsill li ġabet kwotazzjonijiet għax-xiri ta` *printer* għall-uffiċċju tagħha. Il-Kunsill qabel li għall-ħtiġijiet tal-lum ikun jaqbel li jinxtara *3-in-1 printer* u għalhekk unanimament approva l-irħas offerta ta` *3-in-1 printer* ta` Klikk Ltd.

46.9.2 Kwotazzjonijiet għall-installazzjoni ta` Sage Line 50

Is-SE infurmat li s-software tal-*accounts* li jintuża mill-Kunsill (Pastel Partner 2007 u Pastel Evolution) huwa antik u m`għadhux *supported.* Għalhekk ġabet kwotazzjonijiet għall-installazzjoni ta` Sage Line 50 u migrazzjoni tal-informazzjoni kollha mis-*software* l-antik. Fuq proponiment tal-*accountant*, il-Kunsill unanimament approva l-offerta ta` Progressive Information Systems Ltd għax meta tikkalkula l-ispejjeż kollha din tkun l-irħas offerta.

46.9.3 Kwotazzjonijiet għas-servizzi Legali

Is-SE infurmat lill-Kunsill li ġabet 3 kwotazzjonijiet għas-servizzi legali. Peress li waħda minnhom il-Kunsill ġieli għamel użu mis-servizzi tagħha, il-Kunsill talab lis-SE biex titlob lill-tnejn (2) l-oħra x`tip t`esperjenza għandhom fuq xogħlijiet relatati ma` Kunsilli Lokali u titlobhom ittra ta` referenza minn xi Kunsill Lokali li ġieli ħadmu magħhom.

46.9.4.1 *Tender* għas-servizz ta` ġbir ta` skart goff

Is-SE infurmat lill-Kunsill li ppreparat id-dokument għas-sejħa għall-offerti għas-servizz ta` ġbir ta` skart goff. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

46.9.4.2 Dan id-dokument ġie approvat unanimament mill-Kunsill. Is-SE se tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti.

46.9.4.3 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jiġi maħtur aktar il`quddiem.

46.9.5.1 <u>Ġieħ Ħal Balzan 2018</u>
Is-Sindku ppropona li peress li għaddejnin ix-xogħlijiet mal-faċċata tal-*flats* li hawn fuq l-uffiċċju tal-Kunsill, Ġieħ Ħal Balzan jiġi pospost għal wara li jitlestew ix-xogħlijiet biex issir attivita` waħda mal-inawgurazzjoni tal-uffiċċju. Il-Kunsill qabel ma` dan.

46.9.5.2 Il-Kunsill wera x-xewqa li peress li l-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca toqgħod f`Ħal Balzan, tingħata l-premju ta` Ġieħ Ħal Balzan. Is-SE ser tiċċekkja jekk dan hux permess skond il-protokoll.

46.9.6.1 <u>Nar tal-art fil-ġranet tal-festa Marija Annunzjata</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill lis-Sur Gabriel Muscat, f`isem il-Każin Marija Annunzjata qed jitlob l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jintrama n-nar tal-art fi Pjazza Bertu Fenech fil-ġranet tal-festa. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jinġiebu l-permessi kollha neċessarji u jittieħdu l-prekawzjonijiet kollha meħtieġa għas-saħħa u s-sigurta` ta` dawk kollha li jkunu preżenti.

46.9.6.2 Qed jitlob ukoll, li l-Kunsill iħallas l-ispejjeż ta` *fire engine* u ta` *first aider* biex ikunu preżenti waqt l-ispettaklu tan-nar tal-art li jsir is-Sibt tal-festa. Is-SE fakkaret lill-Kunsill b`Ċirkulari 38/2016 – Fondi Pubbliċi minfuqa għal finanzjament ta` għaqdiet li ntbagħtet mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali fit-2 ta` Novembru 2016, fejn qed tipprojbixxi l-Kunsilli Lokali jużaw il-fondi pubbliċi għal finanzjament ta` Għaqdiet fil-bliet u l-irħula. Għalhekk din it-talba ma ġietx approvata.

46.9.7.1 <u>Talba biex titneħħa bozza minn mal-faċċata</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta mis-sid ta` dar 36, Edel fil-Wied ta` Ħal Balzan. Is-sid qed titlob li titneħħa l-bozza li hemm mal-faċċata, peress li allegament qed tikkawża ħsara mal-faċċata u tersaq fuq il-ħajt komun.

46.9.7.2 Il-Kunsill approva din it-talba bil-kundizzjoni li l-ispejjeż jitħallsu mis-sid u dejjem jekk is-sid ta` dar 36 iġġib il-permess tas-sid ta` fejn qed jiġi ssuġġerit li teħel il-bozza.

46.9.8 <u>Sqaq Nru. 1, Triq il-Providenza</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta mill-*Lands Authority,* fejn qed jikkonfermaw li skond ir-*records* tagħhom, Sqaq Nru. 1, Triq il-Providenza mhux proprjeta` tal-Gvern.

46.9.9.1 <u>Proġett taħt il-Programm LIFE+</u>
Ġiet innutata *email* mibgħuta mid-Diviżjoni Gvern Lokali fejn qed jinfurmaw lill-Kunsilli Lokali bi proġett li qed jaħdmu fuqhu li permezz tiegħu jistgħu jinxtraw jew jinkrew vetturi elettriċi jew *hybrid.* Bħalissa dan il-proġett qiegħed fi stadju ta` studji biex jiġu determinati l-aħjar opzjonijiet. Il-parti tal-proġett li se tkun qed tolqot direttament lid-Divizjoni ser tikkonċerna x-xiri jew kiri ta` vettura elettrika jew *hybrid* għal kull Kumitat Reġjonali u għal kull Kunsill Lokali. Għalhekk, qed jiġi mitlub x`tip ta` vettura għandha bżonn l-Awtorita` Lokali u jiġi indikat *parking bay* biex jintuża bħala *charging station.*

46.9.9.2 Il-Kunsill qabel li jitlob għal vettura biex tinġarr għodda u/jew makkinarju żgħir biex isiru xogħlijiet fil-komunita`. Din il-vettura tista` tagħmel użu miċ-*charging station* li għandha żewġ (2) *parking bays* riservati*,* li diġa` hemm fil-pjazza.

46.9.10 <u>Talba għal *traffic calming measures* fi Triq il-Qarċilla</u>
Residenta fi Triq il-Qarċilla qed titlob li jiġu implimentati xi tip ta` *traffic calming measures* fit-triq għax karozzi qed jgħaddu b`veloċita` eċċessiva. Se jiġi ċċekkjat jekk tistgħax issir *road* hump bit-*tarmac* / konkos peress li dawk tar-*rubber* joħolqu *noise pollution,* u jistgħu ikunu ta` inkonenjent għar-residenti. Sadanittant, il-gwardjani lokali se jiġu nfurmati biex isir infurzar.

46.9.11.1 <u>One-Way System fi Triq Guze Bonnici u toroq tal-madwar</u>
Is-SE infurmat lill-Kunsill li t-talba għal *One-Way System* fi Triq Guze Bonnici u toroq tal-madwar ġiet approvata għal perjodu ta` xahar prova.

46.9.11.2 Is-SE ser tordna t-tabelli li hemm bżonn u l-Kunsillier Daniel Muscat se jipprepara l-ittra biex tintbagħat lir-residenti kif kien maqbul fil-laqgħa meta kienet ġiet diskussa din il-materja.

## 46.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta` pagamenti

46.9.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta` pagamenti nru. 3/18 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta` €22,991.78.

46.9.2 L-iskeda ta` ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara` li kien issekondat mill-Kunsillier Joe Galea. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

46.9.3 Is-SE infurmat lill-Kunsill b`*invoice* li tammonta għas-somma ta` €3,304.00 mingħand MED Developers, Designers + Consultants Ltd għas-servizzi ta` perit. Din l-*invoice* mhix ser tiġi mħallsa peress li din l-ispiża qatt ma ġiet approvata mill-Kunsill. Is-SE qalet li l-Kunsill kien ordna li jiġu ppreparati diversi surveys topografiċi li ammontaw għas-somma ta` €4,548.90 u li dawn ġew imħallsa. Il-Viċi Sindku qal li dan il-kont mhux suppost ġie mibgħut lill-Kunsill u ser jiċċekkja dwar dan.

## 46.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

46.10.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.00pm.

46.10.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar il-Ħamis, 19 ta` April 2018 fl-4.00pm.

Konfermati, illum il- Ħamis, 19 ta` April 2018.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nut. Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |